25 ta' Frar, 1950

Imħallef :

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Dr. Alfonso Gerada, M.D. *versus* Dr. Carmelo Cassar, M.D. (*)

## Ċitazzjoni — Kawżali — Ekwipollenza — Dikjarazzjoni — Nullità — Art. 155 (1) u 792 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

*Iċ-ċitazzjoni għandha titlesta mill-attur, u għandha jkun fiha mfissrin ċar u sewwa l-oġġett u r-raġuni tat-talba. Dawn huma partikolaritajiet sostanzjali fiċ-ċitazzjoni, u n-nuqqas tagħhom huwa milqut mill-liġi stess b'nullità.*

*Imma sakemm il-liġi ta' tirrikjedix l-ekwipollenti, anki in forma taċita u impliċita, mhix neċessarja ebda formola espressa għall-propożizzjoni ta' l-azzjoni; it-taċitu u l-impliċitu, jew l-ekwipollenti, meta jirrikorru r-rekwiżiti, għandhom il-forza u l-effikaċja ta' l-espress.*

*Għaldaqstant, għalkemm il-kawżali fiċ-ċitazzjoni tkun espressa aktarx lakonikament, iċ-ċitazzjoni ma tkunx nulla jekk dik il-kawżali tkun*

*imfissra taħt id-dikjarazzjoni; peress li dik il-kawżali tkun tirriżulta u kontenuta fiċ-ċitazzjoni.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab li, wara li tiġi premessa kull dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kull provvediment xieraq, il-konvenut jiġi minn dina l-Qorti kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £24. 15. 0 ta' disa' xhur kera, ċjoè mill-1 ta' April 1949 sa l-aħħar ta' Diċembru 1949, tad-dar nri. 9 u 10 Żurrieq Road, Birżebbuġa, liema kera l-konvenut naqas li jħallas lill-attur non ostanti li ġie nterpellat bonarjament għal dan l-iskop. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut u bl-imgħaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dina ċ-ċitazzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat dwar l-eċċezzjoni tan-nullità taċ-ċitazzjoni, sollevata mill-konvenut:

Illi skond l-art. 155 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (Kap. 15), iċ-ċitazzjoni għandha titlesta mill-attur u għandha jkollha mfissrin fiha, ċar u sewwa, l-oġġett u r-raġuni tat-talba. Dawn huma partikularitajiet sostanzjali fiċ-ċitazzjoni, u għalhekk in-nuqqas tagħhom huwa milqut mill-liġi stess b'nullità (art. 792, Kap. 15);

Illi l-konvenut jissottometti li fl-att taċ-ċitazzjoni l-attur naqas li jesprimi l-kawżali, jew ir-"raġuni" tat-talba;

Illi mill-qari ta' l-att taċ-ċitazzjoni jidher ċar biżżejjed li l-attur qiegħed jitlob—u din hija t-talba—il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' £24. 15. 0, disa' xhur kera tal-post 9 u 10 Żurrieq Road, Birżebbuġa, mill-1 ta' April sal-31 ta' Diċembru 1949; u dan għaliex—u din hija l-kawżali tat-talba—il-konvenut naqas li jħallas lill-attur dak il-kera. Jidher għalhekk illi ċ-ċitazzjoni tikkontjeni l-kawżali tat-talba, għad li forsi b'termini lakoniċi ħafna; imma l-kawżali qiegħda hemm. Din il-Qorti rrespinġiet eċċezzjoni simili f'każ fejn il-kawżali tat talba kienet tiġi ndotta mid-domanda (ara "Tagliaferro vs. Missirian", 12. 6. 1863, Vol. III, 137), u ma kienetx regolarment espressa. U hu minn dejjem magħruf li sakemm il-liġi ma tivvjetax l-ekwipollenti, anki in forma taċita u impliċita, mhix neċessarja ebda formola espressa għall-propożizzjoni ta'

---

(*) Deċiża fil-merito fil-25 ta' April, 1950.

l-azzjoni, jew, kif jingħad, "in forma specifica"; u t-taċi u n l-impliċitu, jew l-ekwipollenti, meta jikkonkorru r-rekwiżiti, għandu l-istess forza u effikaċja ta' l-espress (App. 26. 2. 1873, "Leonard vs. Casella", Vol. VI, p. 441);

Barra minn dan, il-formola lakonika tal-kawżali fiċ-ċitazzjoni ġiet imfissra wisq tajjeb fid-dikjarazzjoni ta' l-attur. Veru illi bid-dikjarazzjoni b'kollox ta' l-attur u bil-kontenut estiż tagħha, kieku ċ-ċitazzjoni ma kellhiex kawżali tat-talba l-istess ċitazzjoni kienet tkun nulla, għaliex nieqsa minn element essenzjali tagħha; imma f'dan il-każ il-kawżali tad-domanda tinsab fiċ-ċitazzjoni; u jekk qatt il-kawżali mhux imfissra biżżejjed, id-dikjarazzjoni tissupplixxi biex tiċċara kollox;

Illi għalhekk iċ-ċitazzjoni ma għandhiex fiha nuqqas ta' l-element tal-kawżali li jikkonduċi għan-nullità tagħha; għaliex hemm fiha esposta biżżejjed b'ċertezza l-kawża tad-domanda;

*Għal dawn ir-raġunijiet:*

*Tiddeċidi* billi tirrespinġi l-eċċezzjoni tan-nullità taċ-ċitazzjoni sollevata mill-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu; u tiddifferixxi l-kawża għall-14 ta' Marzu 1950, biex tiġi trattata fil-meritu.